KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

11 t'Ottubru, 2016

Lic-Chairperson,

Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta'

Onor. Deo Debattista

Għażiż Dr Debattista,

**Tanker tal-LNG ankrat bil-Bajja ta' Marsaxlokk**

Kif taf, il-Gvern se jankra fil-Port ta' Marsaxlokk tanker tal-LNG b'kapaċita' ta' 140,000 metru kubu sabiex titħaddem power station ġdida. Dan it-tanker se jkun ankrat f'lokalita' residenzjali fejn jgħixu densita' qawwija ta' nies, kif ukoll viċin negozji, industriji, fosthom is-sajd, u faċilitajiet oħra tal-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Taf ukoll li s'issa il-Gvern irrifjuta kull talba li saritlu sabiex jippubblika r-rapporti kollha li saru dwar ir-riskji li jista' joħloq dan it-tanker u għalhekk naqas milli jserraħ ras in-nies dwar il-miżuri li ttieħdu biex jiġi evitat kull riskju possibbli għas-saħħa u s-sigurta' tagħhom.

Nirreferik għad-Direttiva Seveso III, li hija parti mill-liġi Maltija, u li titkellem ċar dwar l-obbligi marbuta mal-prevenzjoni ta' riskji kif ukoll mal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku. Fost l-oħrajn, id-Direttiva tagħmilha ċara li l-awtoritajiet għandhom iwaqqfu entita milli topera jekk il-miżuri għall-prevenzjoni u mitigazzjoni ta' inċidenti ma jkunux suffiċjenti. Tagħmilha ċara wkoll li l-informazzjoni dwar ir-riskji għandha tingħata regolarment lil dawk kollha soġġetti għall-periklu.

Għaldaqstant, permezz ta' din l-ittra, qiegħed nitolbok sabiex bħala awtorita' pubblika b'kompetenza relevanti, mingħajr aktar dewmien, tara li d-Direttiva Seveso tiġi osservata billi:

1. Jiġu pubblikati minnufih ir-rapporti kollha marbuta ma' kull riskju għas-saħħa u s-sigurta' tal-pubbliku, u

2. Twaqqaf it-tanker tal-gass milli jiġi ankrat fil-bajja ta' Marsaxlokk u lill-entita' in kwistjoni milli topera sakemm ikollok iċ-ċertezza li ma hemm ebda riskju għas-saħħa u sigurta tan-nies, negozji, sajjieda u industriji oħra fl-inħawi.

Infakkrek li fin-nuqqas lampanti minn-naħa tal-Gvern li jħares is-saħħa u s-sigurta' pubblika, għandek l-obbligu u r-responsabbilita' biex tara li dak li naqas li jagħmel il-Gvern tagħmlu int u li tħares is-saħħa u s-sigurta' tan-nies.

Inselli għalik u nistenna azzjoni immedjata mingħandek.

Simon Busuttil
Kap tal-Oppożizzjoni